# IĊ-ĊENSURA TA' L-ISTAMPA

*Ta'* ĠUŻE' GATT

## IĊ-ĊENSURA TA' L-ISTAMPA GĦAT-TIENI DARBA F'MALTA

*(Jissokta man-Nru. ta' Marzu, 1950, faċċ. 13)*

GĦAD illi x-xogħol mill-Istamperija ta' l-Ordni beda ħiereġ għall-bidu ta' Lulju ta' l-1756, ftit, jew xejn, ma n-nies kienet taf min huma dawk li sefgħu maħtura, biex jieħdu ħsieb iċ-Ċensura tal-kotba, għat-tieni darba f'Malta, billi jaraw u jiflu l-kitba qabel ma din titħalla tmur għall-istampa. Għax, sa l-aħħar jiem ta' Ottubru, ma laħqet dehret ebda ħaġa, biex wieħed seta' jara l-isem tagħhom imniżżel fiha.

It-tagħrif dwar l-ewwel Ċensuri li ngħażlu, insibuh imsemmi f'kitba tal-Qassis u Avukat Dun Nazju Saver Mifsud, wieħed mill-aqwa kittieba ta' dik il-ħabta. U dan sar jafu, billi l-Istampatur Capaci mar għandu, fl-24 ta' Ottubru, 1756, u għarrfu li l-maħtura kienu dawn :

Għall-Isqof, il-Patri Majjistru Dumnikan Nerik Ercole, Eżaminatur Sinodali;

Għall-Inkwiżitur, il-Patri Ġiżwita Nazju Teuma, Teologu u Konsultur tas-Santu Uffizzju; u

Għall-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, il-Pirjol ta' Santa Tereża, Patri Pawlu Ġużè G. Francisco, Professur tas-Sagra Teoloġija (1).

Fost dawn it-tliet Ċensuri li semmejna, dan ta' l-aħħar biss li ma kienx Malti bħat-tnejn l-oħra.

Biex il-kitba tgħaddi minn taħt idejn iċ-Ċensuri, aktarx li kien jieħu ħsieb imur biha għandhom l-Istampatur Capaci, billi sibna kemm-il darba li, lil dan tawh xi flus għan-nefqa li għamel, biex mar bid-dgħajsa l-Birgu għand l-Inkwiżitur b'xi kitba.

Madankollu, mhux kulma joħroġ mill-istampa kien irid igħaddi minn taħt l-għarbiel taċ-Ċensura. Niftiehmu sewwa. Kienu jeħilsu ħafif mix-xkiel li semmejna xi ħwejjeġ żgħar biss. Ingħidu aħna, bħal Santi, tikketti tal-fliexken, kambjalijiet, biljetti tat-Teatru u ta' xi stedin, passaporti, Bullettin tal-Preċett u xi oħrajn ta' din il-għamla. Terġa', għal dawn lanqas ma kien jinħtieġ li wieħed jaqa' s-setgħa minn għand il-Gran Mastru, biex jistampahom, bħalma hekk kien irid isir fi ħwejjeġ oħra; iżda kull min kellu bżonn jagħmel minnhom, imur l-Istamperija, u hemm

seta' jiftiehem ma' l-Istampatur Capaci dwarhom, bla ebda ndħil u tfixkil ta' ħadd aktar.

Ma' dawn ta' hawn fuq li semmejna, nistgħu nżidu wkoll dawk il-Liġiijet taħt l-isem ta' Bandi, Prammatiki, eċċ., li l-Gvern ta' l-Ordni kien joħroġ, minn żmien għal ieħor, għażżamma, it-tmexxija u l-ħtieġa ta' dawn il-Gżejjer. Kif ukoll il-Pastoralijiet u xi Avviżi tal-Kurja ta' l-Isqof. U dawn jidhru hekk sewwa, li ma għaddewx miċ-Ċensura, li anqas biss ma jġibu li ħarġu "Con licenza de' Superiori".

Għalkemm il-kitba l-oħra tmur dejjem għand iċ-Ċensuri, qabel ma tingħata għall-istampa, mhux il-kotba kollha li ħarġu jġibu min kienu dawk li għaddewhom. Ftit, wisq ftit huma d-drabi li wieħed isib fihom l-ismijiet taċ-Ċensuri, flimkien mas-Superjuri tagħhom : jiġifieri wkoll l-Isqof, l-Inkwiżitur u l-Viċi Kanċellier. Fit-tiftix li għamilna għal din il-għamla ta' kotba, irnexxielna nsibu erba' biss minnhom (2).

B'danakollu, kemm dawk li ma jġibux l-ismijiet taċ-Ċensuri, kemm ukoll dawk li fihom, f'kollha wieħed għandu jsib xi għamla ta' kliem ieħor fil-frontispizju tagħhom, li juri u jfisser li l-ktieb ħareġ bis-"Sensja tas-Superjuri". Biss, ma għandniex x'ingħidu, dan aktarx li dejjem isir f'dak l-ilsien li jkun stampat il-ktieb.

Wieħed mill-kotba bikrin li ħarġu bl-ismijiet kollha taċ-Ċensuri, malli daħlet l-Istampa f'Malta, hu ktieb żgħir bil-latin, miktub minn Gejtu Bruno, B'kollox fih 46 paġna. Iġib xi Konklużjonijiet dwar Teoloġija (3). Daħal għall-istampa fid-9 ta' Mejju, 1757 (4). Fir-ras tal-paġna ta' dawk il-kotba li jkun fihom l-ismijiet taċ-Ċensuri, insibu kliem bħal dan : "Theologorum Approbationes", jew "Censorum Vota", inkella "Approvazione". U dan biex juri li l-kitba ġiet milqugħa u mgħoddija.

L-ewwel ma ra l-ktieb ta' Bruno, kien iċ-Ċensur ta' l-Isqof, fil-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt. Dan, waqt li jgħid li għaddieh fis-26 ta' Marzu 1757, niżżel ismu hekk:

"Fr. Henricus Hercole. S.T. M. Ord. Praed. Examin. Synod. & Censor librorum pro Ill.mo Dom. Archiep. Fr. D. Paulo Alpheran nostro Melitensis Episcopo".

Wara mar għand dak ta' l-Inkwiżitur, fil-Kunvent tal-Ġiżwiti, il-Belt. Dan għaddieh il-għada, 27 ta' Marzu, u niżżel fih :

"Ignatius Teuma S Officii Consultor Thealogus & pro eodom libror, Revisor, ac Censor."

Fl-aħħar rah l-ieħor tal-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, fil-Kun-

vent ta' Santa Tereża, Bormla. Għaddieh fit-28 ta' Marzu, waqt li niżżel ukoll ismu :

"Fr. Paulus Josepha S. Frangisco Carmel. Disc. Prior., S.T. Professor, & pro. Ill.mo Domino Vicecanc. Librorum Censor."

F'paġna oħra tal-ktieb ta' Bruno, u li tiġi wara dik taċ-Ċensuri li semmejna, insibu l-"Imprimatur" ta' l-Isqof, ta' l-Inkwiżitur u tal-Viċi Kanċellier, imniżżlin ma' ġenb xulxin, f'linja waħda, mix-xellug għal-lemin. L-ewwel ta' "Fr. Paul Archiepisc. Episcop. Melitensis"; imbagħad dak ta' "Gr. Salviati Inq. Gener. & Del. Apostol."; u fl-aħħar l-ieħor tal-"Bejul. Aquil. Guedes Vicecanc. & Deput."

Kemm iċ-Ċensur ta' l-Isqof u kemm l-ieħor ta' l-Inkwiżitur, ix-xogħol tagħhom kien xorta waħda, billi t-tnejn kellhom jiflu kull kitba, biex jaraw fihiex xi ħaġa li ma taqbilx mat-tagħlim tal-Knisja tagħna, kif ukoll mad-drawwiet it-tajba. Dak tal-Viċi Kanċellier kien jara hemmx xi kliem li jmaqdar u jżeblaħ il-ħakma tas-Saltna tal-Gran Mastri, ta' l-Istatuti u l-Privileġġi ta' l-Imqaddes Ordni Ġerosolimitan, u b'hekk inaqqsilhom mill-qima li tistħoqqilhom.

Meta kull Ċensur igħaddi l-kitba bħala ħaġa li hija safja minn kull għamla ta' għelt u tebgħa, li hawn fuq semmejna, waqt li aktarx li jfaħħarha, jissokta jgħid li hu tal-fehma li din jistħoqqilha tintbagħat għall-istampa; iżda dan kellu jibqa' biex jitwettaq u jsir kemm-il darba hekk tkun il-għoġba u r-rieda ta' dak li ħatru, u li hawn qed jidher għalih bħala Ċensur tiegħu.

Il-għamla ta' dawra li l-ktieb ta' Gejtu Bruno kellu jagħmel biex sata' jikseb u jara d-dawl tal-ħajja u tal-ħelsien, kienet issir hekk xorta waħda dejjem, kif fissirna, f'kull kitba oħra li riedet tgħaddi mill-għarbiel taċ-Ċensura.

Terġa', biex il-kitba tmur għand l-imsemmija Ċensuri, qabel kollox kienet titgħarbel minn idejn oħra—dawk ta' l-Awdituri tal-Gran Mastru. Meta wieħed minn dawn jara l-kitba u fiha jsib xi ħaġa li mhux xieraq tidher fl-istampa, igħid x'inhi, u wara jitlaqha f'idejn il-Viċi Kanċellier; iżda kemm-il darba ma jkun hemm xejn ħażin, jagħti xhieda li hija tajba (5).

Haġ'oħra. Meta wieħed jaħsel jaqla' s-setgħa li jistampa l-kitba tiegħu, din kienet biżżejjed biex wara joħrogħa kemm-il darba jrid, bla ma jinħtieġ li jerġa' jitlob xejn mill-ġdid għaliha. Għax, ladarba jagħtuh is-setgħa, din tibqa' tiswa wkoll għall-quddiem.

Wara li fl-20 ta' April, 1757, miet l-Isqof Alpheran, taħt l-"Imprimatur" beda jniżżel ismu, l-ewwel wieħed, il-Vigarju Kapitolari Kan. S. D. Galanton Pace (6). Biss dan baqa' jseħħ hekk sakemm laħaq Isqof ieħor.

Minn dawn il-kotba li semmejna, bl-isem tal-Vigarju Pace, ma nzerta ġie f'idejna ebda wieħed.

Billi l-Patrijiet Ercole u Teuma meta jgħaddu l-kitba, kienu jniżżlu li huma Teoloġi, il-wieħed ta' l-Isqof u l-ieħor ta' l-Inkwiżitur, il-Pirjol Francesco tat-Tereżjani, ried li huwa wkoll ikollu din is-setgħa li jidher bħala Teologu tal-Gran Mastru, u mhux tal-Viċi Kanċellier, la darba kien maħtur minn Pintu nnifsu għalhekk.

It-talba tiegħu ġiet misħarrġa u mgħarbla sewwa min-naħa ta' l-Ordni; iżda ma għadditlux. Għax, għall-bidu ta' Jannar, 1758, inqata' li kellu jissokta jara l-kitba u jniżżel ismu fiha bħal qabel, billi jibqa' jidher bħala Teologu għall-Viċi Kanċellier, u le għall-Gran Mastru.

Meta l-imsemmi Pirjol għarrfuh b'dan, tfantas ħafna u ma riedx joqgħod għaliha. Fuq hekk, tneħħa minn Ċensur. Foku sar Patri Ċikk Sammut, Franġiskan Konventwali, li kien fil-Kunvent ta' San Franġisk ta' Putirjal.

B'din l-għażla l-ġdida, iċ-Ċensuri sefgħu t-tlieta Maltin. Dilħaġa mhux biss kienet ta' ħafna ġieħ għal Għżiritna, iżda wkoll b'riħet hekk, ftit li xejn ma seta' joħroġ minn taħt idejhom li kien inaqqas il-qima lill-Maltin (7).

Meta xi wieħed mit-tliet Ċensuri kien irid joħroġ xi ħaġa miktuba minnu, biex aktar jitneħħa kull ħsieb li seta' jitnissel, dwar li kitbitu għaddiet għaliex tiegħu, dan jibqa' lura u ma jindaħalx f'dina l-biċċa. Iżda, għal dik id-darba biss jingħażel Ċensur ieħor barrani, ħalli jara hu l-kitba ta' dak li jkun. Bħallikieku, Patri Sammut, wieħed mit-tliet Ċensuri li semmejna, fl-1759, ried joħroġ ktieb bil-latin bl-isem ta' "Commentariae in casus Episcopalis Riservatos". Biex jara u jifli dan il-ktieb, bħala Ċensur għall-Viċi Kanċellier u għall-Gran Mastru, inħatar il-Patri Karmelitan Ġanpatist Fiteni, Majjistru tas-Sagra Teoloġija. U dan jidher mill-imsemmi ktieb ta' Patri Sammut, billi fejn iġib it-tliet Ċensuri li għaddewh, ifisser ukoll, li dak tal-Gran Mastru (Fiteni) ingħażel għal din id-darba biss.

Ma għandniex x'ingħidu, maċ-Ċensuri jinstab ukoll l-"Im-

primatur'' ta' l-Isqof Alpheran, ta' l-Inkwiżitur Salviati u tal-Viċi Kanċellier Guedes.

Aktarx li wieħed jitħasseb xi ftit meta hawn fuq isib imniżżel l-isem ta' l-Isqof Alpheran fi ktieb li ħareġ fl-1759, fil-waqt li iżjed lura għidna li dan miet fl-1757. Għalhekk naraw li hu xieraq ħafna li nagħtu tifsira dwar kif issawret dina l-ħaġa.

L-imsemmi ktieb, tħejja minn kollox, snin qabel ma ra d-dawl fl-1759. Sammut bagħtu Ruma fl-1755, għand is-Superjur ta' l-Ordni tiegħu, biex jaraw hux tajjeb għal idejn il-qarrejja, ħalli jagħtuh is-setgħa li joħorġu. Għaddewhulu, fit-23 ta' Settembru, 1755, ''Fr. Jo. Battista Constantius, Minister Generalis'' u ''Fr. Jo. Jaulus Jacopini a Volaterris, Secretarius & Assistens Ordinis, ac Provincialis Angliae''.

Meta l-ktieb ġie lura lejn Malta, Patri Ercole, iċ-Ċensur ta' l-Isqof, għaddieh fl-14 ta' Lulju, 1756. Fid-9 ta' Awissu rah l-ieħor ta' l-Inkwiżitur, Patri Teuma. U hawn waqaf.

X'ġara, jew x'kienet il-biċċa ta' dan l-għaqqux kollu li nqala', biex saram u fixkel il-mixi 'l quddiem għall-istampar tiegħu, ma nafux għax ma sibniex. Biss nistgħu nobsru li l-ħtija ta' dan id-dewmien aktarx li seta' kien iż-żmien li ntilef sakemm raw u qatgħu min kellu jgħaddi l-imsemmi ktieb—jekk hux il-kittieb tiegħu Sammut, inkella xi ħadd ieħor. Fl-aħħar, meta twettiet it-triq għal dina l-ħaġa, Fiteni, li nħatar b'Ċensur mill-Viċi Kanċellier, għaddieh fl-20 ta' Novembru, 1758—ftit aktar minn sentejn wara li ħelsu minnu ż-żewġ Ċensuri l-oħra.

Għalkemm il-ktieb ta' Sammut ħareġ fi żmien l-Isqof Bartilmew Rull, deher stampat, bħalma għidna, bl-''Imprimatur'' ta' l-Isqof Alpheran, li kien ilu mejjet sentejn. Iżda dan naħsbu li seta' ġara hekk, billi aktarx Alpheran laħaq niżżel ismu fih, meta ċ-Ċensur tiegħu (Patri Ercole) għaddieh fl-1756—sena qabel ma l-imsemmi Isqof miet. Imbagħad, meta laħaq Rull, billi dan ħass li ma hemm ebda ħtieġa li wieħed jerġa' jtenni ħaġa li saret darb'oħra mill-Isqof ta' qablu, ta s-setgħa biex il-ktieb ta' Sammut joħroġ bl-isem ta' min għaddieh l-ewwel darba—b'dak ta' Alpheran.

Ktieb ieħor li jġib l-ismijiet tat-tliet Ċensuri (Ercole, Teuma u Sammut), flimkien ma' l-''Imprimatur'' ta' l-Isqof Rull, l-Inkwiżitur Anġlu Durini u l-Viċi Kanċellier Guedes, ħareġ fl-1761. Hu miktub bil-latin mit-tabib Ġorġ Locano, Malti. Jitħad-

det dwar il-mediċina, u dedikat lill-Gran Mastru Pinto. Fih 140 paġna in 8vo.

Għidna li erba' kienu l-kotba li ġew f'idejna biċ-Ċensuri kollha. Iżda jekk tlieta kienu bil-latin, l-ieħor hu bit-taljan. Jismu "Biblioteca Maltese". Dan, li hu "L-ewwel Taqsima" biss tiegħu, jitħaddet dwar il-kittieba Maltin u l-kitba tagħhom. Jasal li jsemmi lil dawn sa l-1650. Hu stampat fl-1764. Miġbur u miktub mill-Qassis u Avukat Nazju Saver Mifsud.

It-Tieni Taqsima tal-"Biblioteca Maltese", li aktarx kellha tagħti tagħrif li jasal sa fi żmien il-kittieb, dwar Maltin oħra u l-kitba tagħhom baqgħet fi ħsieb Mifsud biss, billi tħalliet lura u ma ħarġitx.

Barra dawn il-kotba li semmejna, ma nzertalna nsibu ebda ieħor tal-għamla tagħhom, għalkemm għarrixna ħafna. Għalhekk ma nittarrfux naqtgħu ħesrem u ngħidu hemmx oħrajn jew le.

Minn fost it-tliet Ċensuri li kienu mqabbda, biex jaraw u jiflu l-kitba, l-ewwel wieħed li naqas hu Patri Ercole, billi ħalla dal-wied tad-dmugħ fil-25 ta' Mejju, 1764, meta kellu 85 sena. Dal-Patri kien ta' għerf kbir ħafna. Fl-aħħar żmenijiet tiegħu tilef is-smigħ. Miet fil-Kunvent ta' San Duminku tal-Belt (8).

L-imsemmi kittieb Mifsud, ma jsemmi xejn min sar Ċensur tal-Gran Mastru, flok Ercole. Terġa' aħna lanqas fittixna bnadijiet oħra. Għax deħrilna, li, b'dak li sa hawn wasalna ngħarrfu, hu aktar milli biżżejjed biex wieħed jieħu ħjiel sewwa dwar kif kienet taħdem iċ-Ċensura meta l-Istampa reġgħet daħlet għat-tieni darba f'Malta. Għalhekk, sa nagħalqu dit-Taqsima, billi nissuktaw biss ingħidu, li din il-għamla ta' Ċensura baqgħet isseħħ u titwettaq hekk dejjem sa l-aħħar żmenijiet li l-Ordni Ġerosolimitan dam jaħkem u jsaltan fuq Gżiritna.

(1) Mss. Bibl. 12, paġ. 102.

(2) A.A. Gauci, fil-kitba tiegħu, li semmejna kemm-il darba, igħid li l-waħdieni ktieb li juri tajjeb l-"Imprimatur", billi jġib l-ismijiet taċ-Ċensuri kollha, hu l-"Biblioteca Maltese" tal-Qassis u Avukat Nazju Saver Mifsud; la qablu, lanqas warajh, ma ħarġu oħrajn tal-għamla bħalu. Iżda, kemm hu mili 'l bogħod mis-sewwa, dak li qal Gauci dwar l-imsemmija kotba, jarawh il-qarrejja f'dina t-taqsima.

(3) Għall-isem sħiħ u twil tiegħu wieħed jista' jarah fis-"Selva" ta' Schembri. Ukoll għall-kotba l-oħra li sa nsemmu.

(4) Ark. ta' l-Ord., vol. 2038.

(5) Kodiċi ta' Rohan, Libro I, kap. 38, par. 15.

(6) Mss. Bibl. vol. 12, paġ. 197.

(7) Mss. Bibl. vol. 12, paġ. 310.

(8) Mss. Bibl. vol. 14, 281